**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Awwissu, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 793/2018**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Il-Bastiment M/T "TURU" (IMO 8408777)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Awtorita attrici tal-31 ta' Lulju 2018 li jghid hekk:

1. Illi ai termini tal-Att dwar l-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta) l-Awtorita esponenti hija inter alia l-Awtorita regolatorja responsabbli ghall-operat tal-portijiet ta' Malta;

2. Illi l-bastiment intimat M/T "TURU" huwa debitur tal-Awtorita attrici fis-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija disgha u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€38,669.45) konsistenti fi drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (berthage dues u mooring dues), drittijiet dwar bastimenti qieghda (laid up dues), drittijiet ta pilotagg (pilotage dues) u hlasijiet dwar servizzi ta' sigurta (security services - Boiler Wharf);

3. Dan jidher mill-istatement of account datat 10 ta' Lulju, 2018 anness bhala Dok. TM1;

4. Id-drittijiet mitluba jirrigwardaw facilitajiet moghtija lill-bastiment konvenut fuq talba tieghu stess;

5. Il-bastiment intimat M/T "TURU" gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammonti minnu pagabbli. Madanakollu, huwa baqa' inadempjenti u l-ammont dovut baqa' dejjem jizdied;

Ghaldaqstant, l-Awtorita rikorrenti umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessaria u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-bastiment intimat M/T "TURU" huwa debitur tal-Awtorita attrici fis-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija disgha u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€38,669.45), jew somma verjuri, konsistenti fi, izda mhux necessarjament limitata ghal, drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (berthage dues u mooring dues), drittijiet dwar bastimenti qieghda (laid up dues), drittijiet ta’ pilotagg (pilotage dues) u hlasijiet dwar servizzi ta' sigurta (security services - Boiler Wharf);

2. Tikkundanna l-bastiment intimat M/T "TURU" ihallas lill-Awtorita attrici l-imsemmija somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija disgha u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€38,669.45), jew somma verjuri likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluz l-ispejjez tal-Mandat ta' Arrest 1124/2018, u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li l-bastiment konvenut gie debitament notifikat u li ma giet prezentata ebda risposta biex jiggustifika jekk hemmx difiza tajba ghall-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tar-rapprezentant tal-Awtorita attrici Dr Robert Vassallo fejn bil-gurament tieghu ikkonferma l-istatement minnu prezentat seduta stante u li tali ammont ghadu kollu dovut u ma thallas xejn sallum;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Jirrizulta mill-atti tal-kawza illi l-Awtorita attrici provdiet diversi facilitajiet lil bastiment konvenut konsistenti fi drittijiet portwali, inkluzi dawk dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, ta' rmigg (berthage dues u mooring dues), dawk dwar bastimenti qieghda (laid up dues), ta’ pilotagg (pilotage dues) u hlasijiet dwar servizzi ta' sigurta (security services - Boiler Wharf). Dan sar peress li l-Awtorita hija inter alia l-Awtorita regolatorja responsabbli ghall-operat tal-portijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-istatement esebiet datat 29 ta’ Awwissu 2019, liema ammont mhux kontestat.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut ihallas lil Awtorita attrici l-ammont ta' tlieta u erbghin elf tlett mija u erbgha u erbghin euro u hamsa u erbghin centezmu (€43,344.45), ghal drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (berthage dues u mooring dues), drittijiet dwar bastimenti qieghda (laid up dues), drittijiet ta’ pilotagg (pilotage dues) u hlasijiet dwar servizzi ta' sigurta (security services - Boiler Wharf), bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet legali ai termini tal-Kap. 13 mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur